MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru. 134/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Tonna)**

**v**

**Matthew Frantz ta' 21 sena**
**Mwieled Pieta' nhar is-27 ta' Frar, 1983,**
**bin Joseph u Maria Dolores nee Hili**
**residenti No. 28, Juanez, Triq Pawlu Burlo,**
**Hamrun, detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 140383 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Matthew Frantz li gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Frar, 2004 ghall-habta ta'

bejn it-3.45 a.m. u 4.00 a.m. gewwa l-istabiliment maghruf bhala ’Havana’, li jinsab go Triq San Gorg, Paceville, San Giljan minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Diane Busuttil minn Hamrun skond kif iccertifikat Dr P. Mangion MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan ai termini tal-artikoli 214, 216 (1)(a)(b), tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Diana Busuttil sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Giljan volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Diana Busuttil billi torbot lill-imputat b’obbligazzjoni taht il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Kif ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat ukoll illi l-akkuzat wiegeb li kien hati ta’l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat in vista ta’ l-ammissjoni bikrija illi fuq ordni tal-Qorti gia redatt pre sentencing report, esebit bhala Dok ML.

Rat ukoll ix-xhieda tal-parte leza li qalet illi l-gidma fuq wiccha li ghamlilha l-akkuzat skond l-ewwel akkuza, kienet fieqet fi zmien ghoxrin gurnata, li ma halliet ebda marka f’wiccha. Rat ukoll illi hi hafret lill-akkuzat. Rat ukoll li c-certifikat mediku esebit jitkellem fuq griehi gravi minhabba l-possibilita’ ta’ marka fil-wicc.

Ghaldaqstant in vista ta’ dak li xehdet Diane Busuttil dwar ir-rizultanzi tal-griehi minnha sofferti u r-rinunzja taghha, tqis l-ewwel zewg akkuzi bhala ezawriti, tqis pero’ wara li rat l-istqarrija ta’ Matthew Frantz l-ahhar akkuza bhala pruvata dan wara li rat l-artikolu 339 tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghal ammenda ta’ 58.23 Euros (tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------